DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/128/PESK

tal-1 ta' Marzu 2010

li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK dwar l-Iraq

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Lulju 2003, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK dwar l-Iraq [1], b'implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1483(2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU).

(2) Fil-21 ta' Diċembru 2009, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni 1905 (2009) li biha ddeċieda inter alia li jestendi sal-31 ta' Diċembru 2010 l-arranġamenti għall-iddepożitar fil-Fond għall-Iżvilupp għall-Iraq ta' dħul mill-bejgħ għall-esportazzjoni ta' żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat u gass naturali u dwar l-immunità minn proċeduri legali ta' ċerti assi Iraqqini, kif imsemmija fir-Riżoluzzjonijiet 1483 (2003) u 1546 (2004) tal-KSNU.

(3) Il-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK għandha għalhekk tiġi emendata.

(4) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implementati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK għandha tiġi emendata kif ġej:

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7 huwa sostitwit bi:

"L-Artikoli 4 u 5 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2010.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata f'*Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

D. LÓPEZ GARRIDO

[1] ĠU L 169, 8.7.2003, p. 72.